**DIRETTORAT GHAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
DIPARTIMENT SERVIZZI GHALL-ISTUDENT
SEZZJONI PROGETTI U INIZJATTIVI
TRIQ FRA GAETANO PACE FORNO,
HAMRUN HMR 1100

TEL: 27451014

MALTA

**DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES**
STUDENT SERVICES DEPARTMENT
PROJECTS & INITIATIVES SECTION
FRA GAETANO PACE FORNO STREET,
HAMRUN HMR 1100

FAX: 27451012

Kulleġġ San Ġorġ Preca
Skola Primarja Floriana
Triq San Tumas
Floriana

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

# Elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku 2015 – 2016

L-iskola li fiha jattendu wliedkom sejra, għal darb'oħra, torganizza l-elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku tagħha, imwaqqaf skont l-Att tal-Edukazzjoni, 1988.

Dan il-Kunsill sejjer ikun iffurmat minn:

- President innominat mill-Ministru tal-Edukazzjoni
- Segretarju / Teżorier li hu l-Kap tal-Iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost l-għalliema tal-iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost il-ġenituri li għandhom it-tfal tagħhom fl-iskola.

L-elezzjoni f'din l-iskola sejra ssir nhar **il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar 2015**, bejn id-9.00am u s-2.00 pm Nitlobkom iżżommu xi ħin liberu f'din id-data biex tiġu tivvutaw. Tistgħu wkoll tibgħatu il-vot tagħkom bil-posta jew f'envelopp issiġillat mat-tifel/tifla tagħkom.

Biex issir din l-elezzjoni hemm bżonn ta' ġenituri li jkunu jridu jservu fuq dan il-Kunsill. Ix-xogħol importanti u fejjiedi ta' dawn il-persuni diġà deher mill-Kunsilli li twaqqfu fis-snin ta' qabel. Għalhekk nitolbukom li jew toħorġu intom biex isservu fuq il-Kunsill jew tinnominaw persuna xierqa, li tkun ukoll ġenitur/kustodju li għandu/għandha t-tfal f'din l-iskola. Jiena ċert mill-kooperazzjoni tagħkom għall-ġid tat-tfal u tal-iskola tagħna.

**Formoli tan-nominazzjonijiet**
Formoli tan-nominazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-uffiċju tal-Iskola kif ukoll jitniżżlu mill-*website* tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Kull nomina trid tkun **sekondata** minn ġenitur/kustodju li t-tfal tiegħu/tagħha jattendu fl-istess skola. Tista' tinnomina lilek innifsek. Meta timla din il-formola ibagħtha magħluqa f'envelopp bil-posta, jew mat-tifel/tifla tiegħek, lill-Kap tal-Iskola biex tasal **sal-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 2015**.
Grazzi

**Stephen Miceli**
**Kap tal-Iskola**